**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Talba Nru: 159/17 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Pace (ID 490958 (M), sia bil-polza u sia bil-ligi, kif ukoll l-istess Carmel Pace**

**vs.**

**Kurt Pace (ID 481286 (M) u Glenn Paul Pace (ID 652481 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fis-27 ta' Marzu 2017 li permezz taghha ppremettew:

1. ILLI s-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAG-609 di proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta attrici, Carmel Pace, hawn aktar 'l isfel imsejjha "il-vettura tal-atturi";

2. ILLI fit-28 ta' Frar, 2015 l-vettura tal-atturi soffriet danni waqt illi kienet pparkjata barra mid-dar ta' l-assikurat tas-socjeta attrici fi triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun;

3. ILLI tali danni rrizultaw unikament bhala rizultat da parti tal-intimati, jew minn minnhom, billi ikkawżaw ħsarat dolużi u volontarji fuq il-vettura tal-atturi;

4. ILLI l-intimati, jew minn minnhom, huwa unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi u dana minhabba negligenza jew dolo da parti tal-istess intimati, jew min minnhom, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

5. ILLI l-istess intimati kienu ammettew mal-Pulizija illi huma kkagunaw danni fuq il-vettura tal-atturi;

6. ILLI ghalhekk l-intimati, jew minn minnhom, ghandhom jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' disa mija sitta u tmenin Euro u ghoxrin ċenteżmu (€986.20), liema somma tinkludi hamsa u hamsin Euro (€55) mhallsa bhala "Excess" mill-assikurat tas-soċjetá attrici, Carmel Pace, rapprezentanti danni sofferti mill-istess socjeta attrici;

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Sttembru, 2015, u bl-

imghaxijiet legali mil-10 ta’ Settembru, 2015 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta’ risposta prezentata fid-19 t’April 2017, il-konvenuti eccepew:

1. Illi preliminarjament is-soċjeta’ attriċi għandha tagħti prova tas-surroga relattiva;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma intempestivi *stante* li r-rikorrent Carmel Pace kien iddikjara quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali li ma kellux interess fi proċeduri kontra wliedu u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet mressqin mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-intimati ma kkaġunaw l-ebda danni fuq il-proprjeta’ tar-rikorrent Carmel Pace;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m’huwiex minnu li l-intimati ammettew xi forma ta’ responsabblita’ għall-allegati danni;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u mingħajr ebda forma ta’ ammissjoni dwar ir-responsabbilita’ tal-istess, l-ammont mitlub qed jiġi kontestat;

6. Illi għar-raġunijiet premessi, dan l-Onorabbli Tribunal qed jiġi umilment mitlub li jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta' Malcolm Aquilina (fol. 23), ix-xiehda ta' PS 1298 Lambert Ferdinand Zammit (fol. 58), l-attur (fol. 60), il-kontro-ezami ta' PS 1298 Lambert Ferdinand Zammit (fol. 79), ix-xiehda ta' Franklin Calleja (fol. 81), Malcolm Aquilina in kontro-ezami, in-nota ta' l-atturi a fol. 88, David Mifsud (fol. 102), l-attur in kontro-ezami (fol. 104), l-Ispettur Johan Fenech (fol. 110), il-konvenut Glenn Paul Pace (fol. 112), Dolores Pace (fol. 115), il-konvenut Kurt Pace (fol. 119), Glenn Paul Pace in kontro-ezami (fol. 122).

Sema' s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' assikuratrici attrici u l-attur assikurat ta' l-istess socjeta' qed jitolbu l-hlas ta' danni li saru fuq il-vettura ta' l-attur. **L-attur** isostni illi nhar it-28 ta' Frar 2015 ra lil uliedu l-konvenuti fuq barra tad-dar tieghu ikissru xi qsari, u dan wara li hares mit-tieqa tad-dar. Irrizulta li kellu divesi qsari li kienu mkissrin u l-pum tal-bieb ta' barra kien ukoll imkisser. Giet innutata wkoll kaxxa ta' l-ittri li kienet imkissra. Dakinhar il-karozza ta' l-attur sofriet ukoll xi hsara, fis-sens li fil-bibien ta' wara u ta' quddiem tal-lemin gew innutati xi daqqiet, u kien hemm ukoll il-mera tal-lemin u l-hgiega ta' quddiem tal-lemin li kienu mkissrin. Dwar dan, l-attur talab lill-Pulizija ikellmu lil uliedu l-konvenut. In kontro-ezami l-attur qal li ra lill-konvenuti ikissru l-bieb ta' barra, il-letter box u l-qsari u sema' d-dagha.

**Il-konvenuti** min-naha l-ohra, jichdu li ghandhom xi responsabbilta' ghall-akkadut, u ddikjaraw li dakinhar fil-ghaxija kienu reqdin. Isostnu illi kuntrarjament ghal dak li hemm imnizzel fir-rapport a fol. 35 tal-process, huma ma kinux ammettew l-involviment taghhom fit-tkissir u l-hsara; anzi jiddikjaraw li l-Pulizija kienu baqghu isaqsuhom ripetutament dwar l-incident, tant li fl-ahhar kienu ezasperati u qalu lill-Pulizija li jekk riedu jibqghu jghidu li huma (l-konvenuti) kienu involuti, setghu jibqghu jghidu hekk; izda skond il-konvenuti dan ma kienx taht forma ta' ammissjoni izda biss b'sinjal ta' frustrazzjoni wara l-insistenza qawwija tal-Pulizija. Qalu wkoll li kienu rcivew ittra li fiha s-socjeta' attrici kienet qed titlobhom sitt mitt Euro, u mhux l-ammont indikat fil-kawza, izda din l-ittra ma setghux isibuha.

Illi **Malcolm Aquilina**, rapprezentant tas-socjeta' attrici, esebixxa diversi dokumenti, fosthom l-ittri ufficcjali li pemezz taghhom il-konvenuti intalbu jersqu ghall-hlas tal-hsarat, kif ukoll il-polza ta' l-attur, u b'dan ipprova s-surroga ta' l-attur favur is-socjeta' attrici. Prezenta wkoll fost dokumenti ohra, survey report u rapport tal-Pulizija, kif ukoll diversi ricevuti relattivi ghat-tiswijiet u nefqiet li saru, inkluz kiri ta' karozza, favur l-attur. In kontro-ezami qal li ma jirrizultalux li kien hemm xi ittra li biha s-socjeta' attrici kienet qed titlob ammont inqas minn dak li qed titlob f'din il-kawza.

Illi x-xhud **PS 1298 Lambert Ferdinand Zammit** qal li kien mar fuq il-post u rriskontra l-hsarat fuq imsemmija fuq il-vettura in kwestjoni. In kontro-ezami, meta mistoqsi jekk kienx il-kaz li lill-konvenuti kien baqa' jistaqsihom biex jammettu u huma qalulu 'jekk trid nizzel hekk', cahad, u qal illi li kieku l-konvenuti m'ammettewx, ma kienx se jnizzel dan. Izda qal ukoll illi l-konvenuti, it-tnejn li huma kienu rrabjati minhabba s-sitwazzjoni tal-familja taghhom.

Illi **Franklin Calleja**, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali esebixxa komparixxi u verbal ta' kawza kriminali li kienet saret kontra l-konvenuti u li fiha, permezz ta' verbal, il-konvenuti, hemmhekk imputati, kienu obbligaw ruhhom li bl-bda mod ma jdejjqu jew jimmolestaw lill-attur.

Illi **David Mifsud**, surveyor, ikkonferma s-survey li kien gie esebit u ddeskriva l-hsarat.

Illi l-**Ispettur Johan Fenech** xehed illi l-uniku involviment tieghu kien li hareg l-akkuzi fil-kawza kriminali kontra l-konvenuti.

Illi **Dolores Pace**, omm il-konvenuti, qalet li dak il-lejl li fih gew il-Pulizija d-dar, uliedha l-konvenuti kienu reqdin.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi din hija kawza li fiha ghandha sehem principali l-kredibilita' tal-partijiet. In kontro-ezami, il-konvenut Kurt Pace qal li qabel din il-kawza ma rceviex ittri li bihom is-socjeta' attrici kienet qed titlob precizament l-ammont indikat f'din il-kawza. Dan huwa kontradett mill-konvenut l-iehor Glenn Paul Pace, li qal li hu u huh kienu rcevew l-ittra a fol. 38 u wiegbu permezz ta' l-avukat. It-Tribunal jirrizultalu illi kontradizzjonijiet bhal dawn ma jaghmlux lill-konvenuti kredibbli. Lanqas ma huwa kredibbli l-konvenut Kurt Pace meta jghid li kien ircieva ittra minghand is-socjeta' attrici biex ihallsu sitt mitt Euro u fuqhom u din l-ittra ma pproducihiex.

Illi min-naha l-ohra, l-attur xehed illi ra b'ghajnejh lil uliedu l-konvenuti jkissru fuq in-naha ta' barra tad-dar tieghu, bil-lejl, u ghalkemm xehed illi ma rahomx ikissru wkoll il-karozza, it-Tribunal jiddikjara illi fic-cirkostanzi, fuq bazi ta' probabilita', kunsidrati wkll il-kontradizzjonijiet fuq imsemmija, m'ghandux diffikulta' sabiex jiddikjara illi kienu l-konvenuti wkoll li ghamlu l-hsara fuq il-vettura ta' l-attur, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li l-vettura giet spezzjonata a tempo vergine mill-Pulizija u l-hsara nstabet propju ftit wara li l-konvenuti kienu fuq il-post. Dan apparti l-fatt li, kif riportat fir-rapport tal-Pulizija, u kif xehed PS 1298, il-konvenuti kienu ammettew l-involviment taghhom fil-hsarat maghmula. L-istess Surgent kien xehed ukoll illi l-konvenuti kienu rrabjati minhabba s-sitwazzjoni tal-familja taghhom.

Illi d-danni reklamati gew tajjeb pruvati permezz tar-ricevuti u d-dokumenti prezentati mis-socjeta' attrici, u ghalhekk anke l-eccezzjoni tal-kontestazzjoni tal-quantum m'ghandhiex tregi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sitta w tmenin Euro w ghoxrin centezmu (€986.20), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez, kif mitluba, jithallsu kollha mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur